MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 981/2004

**Raymond Auto Dealer Limited**

**vs**

**Aronne Grech**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u sittin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm263.82) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' bejgh ta' karozza bin-numru tar-registrazzjoni DAH 661 llilu mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 868/04 u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut ingutn ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes ghas-segwenti ragunijiet:-
Illi primarjament l-attur ghandu jiddikjara u jindika d-dokument illi minnu temana l-pretensjoni tieghu.
Illi l-konvenut in linea mat-talba kif premessa ma ghandu jaghti l-ebda ammont lill-attur stante illi kull ammont dovut in konnessjoni mal-vettura DAH 661 thallas fl-intier tieghu u dan kif jirrizulta mill-kopji tal-ircevuti annessi mar-Risposta u kif ser jigi pruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kaz.
Illi in vista tal-mandat kawtelatorju numru 868/04 l-eccipjent jirriserva li jistitwixxi dawk il-proceduri kollha lilu spettanti bil-ligi u dan stante li l-mandat inhareg b'mod abuziv.

Sema' x-xhieda ta' Ray Zammit u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici jirrigwarda bilanc ta' prezz ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAH 661 mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenut. Mid-dokument esebit a fol. 33 tal-process jirrizulta li l-ftehim bejn il-partijiet kien fis-sens li l-prezz tal-vettura mixtrija mill-konvenut minghand is-socjeta' attrici kellu jkun dak ta' Lm1200.00 flmkien ma tpartit tal-vettura tal-marka LADA bin-numru tar-registrazzjoni IAF 284. Il-vettura tal-marka Lada giet konsenjata fil-mument li sar il-bejgh u l-partijiet qablu lli l-konvenut kellu jhallas il-bilanc tal-prezz mifteihem ghall-vettura DAH 661, u li kien jammonta ghal Lm1,200.00, f'pagamenti rateali ta' Lm80.00 fix-xahar. Il-konvenut qed jeccepixxi li huwa hallas kull ammont dovut minnu in konnessjoni mal-vettura in kwistjoni u f'dan ir-rigward esebixxa l-ircevuti realttivi. Is-socjeta' attrici taqbel li l-konvenut effetwa l-pagamenti li taghhom il-konvenut esebixxa l-ircevuti izda ssostni li ghad jonqos li jithallas l-bilanc tal-prezz tal-vettura li jammonta ghall-ammotn

mitlub f'din il-kawza. Mir-rendikont esebit a fol. 23 tal-process jirrizulta li effettivament il-konvenut effetwa erbatax il-pagament skond ma qed isostni hu izda jirrizulta wkoll li huwa ghada fadallu jhallas bilanc ta' Lm263.82.

Il-konvenut isostni li l-prezz tal-vettura kien ta' Lm1,200.00 u mhux ta' Lm1,400.00. Mid-dokument esebit a fol. 33 tall-process jirrizulta ampjament li l-prezz tal-vettura kien dak ta' Lm1,2000.00 u l-konsenja jew tpartit tal-vettura tal-marka Lada. Jidher ghalhekk li skond id-dokumenti li saret referenza ghalihom fil-paragrafu precedenti il-konvenut ghad jonqsu ihallas bilanc ta' Lm263.82.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u sittin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm263.82), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 868/04, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------